1 ta' Lulju, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Salvatore Said *versus* Giuseppe Mifsud

**Preskrizzjoni — Ħaddied — Dikjarazzjoni tad-Debitur — Art. 2253 u 2256 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni ta' ħaddied għall-kreditu tiegħu, tant għax-xogħol li ħadem kemm għall-materjal minnu fornit, hija dik ta' 18-il xahar.*

*Imma meta l-kreditu jirriżulta minn dikjarazzjoni miktuba tad-debitur, dik il-preskrizzjoni ma hix applikabili, u minflok issir applikabili dik ta' hames snin.*

*Meta d-debitur jibgħat ittra uffiċjali lill-kreditur fejn jammetti d-dejn imma jikkontesta l-"quantum" tiegħu, dik l-ittra uffiċjali tammonta għal dikjarazzjoni miktuba li mill-mument tagħha tibda tgħaddi l-preskrizzjoni ta' hames snin.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-istanti l-ammont ta' £389. 2. 6, bilanċ ta' somma akbar prezz ta' materjal u ta' xogħlijiet ta' ħadid maħduma u konsenjati lill-konvenut; bl-interessi kummerċjali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Diċembru 1940, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-26 ta' Frar 1946, li biha ġie dikjarat illi fil-każ preżenti l-preskrizzjonijiet indikati fin-noti tal-konvenut ma humiex applikabili, u għalhekk irrespinġiet l-eċċezzjonijet relativi, bl-ispejjeż in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ mingħajr taxxa, id-dritt tar-reġistru kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-preskrizzjoni ta' 18-il xahar tirriferixxi għall-attur bħala ħaddied, tant għal dak li jirrigwarda x-xogħol kemm ukoll għal dak li jirrigwarda l-materjal minnu fornit; però fil-każ preżenti hemm ċirkustanzi li jbiddlu l-pożizzjoni ġuridika tal-kontendenti, fis-sens illi bl-aġir tagħhom ikkreaw rapporti differenti minn dawk ta' sempliċi kreditur u debitur. Infatti mhux l-attur beda biex jinterpella l-konvenut biex iħallas, imma minflok il-konvenut b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru 1940 interpella lill-attur biex jeżamina l-kont u l-prospetti eżibiti ma' l-istess ittra uffiċjali li minnu jidher illi l-bilanċ dovut lill-istess attur kien ta' £218. 14. 3 għax-xogħlijiet tal-ħadid. Fl-istess ittra uffiċjali l-konvenut qal lill-attur illi l-bilanċ huwa dak u mhux ta' £402. 12. 6 pretiż mill-attur. Fl-att-

tur irrispondieh b'ittra uffiċjali oħra tat-23 ta' l-istess xahar, fejn qal lill-konvenut illi l-prospett eżibit minnu ma kienx korrett, la kwantu għall-piż u lanqas għall-kalkoli, u ta fl-istess ittra uffiċjali r-raġunijiet. Għalhekk fil-każ preżenti l-konvenut ma impunjax l-eżistenza tad-dejn, imma biss il-kwantità, u l-ittri uffiċjali skambjati bejn il-kontendenti jimpurtaw u huma ekwivalenti għall-bżonn ta' likwidazzjoni ta' kontijiet. Dina l-likwidazzjoni ma hijiex preskrittibili la bil-preskrizzjoni ta' 18-il xahar, u lanqas ta' sentejn (vide wkoll sentenza Kollez. XVI-III-11). Iż-żmien għall-kompiment tal-preskrizzjoni għal dina l-likwidazzjoni ma għaddiex;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata in kwantu rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu mogħtija u kkundannatu jħallas l-ispejjeż tiegħu u d-dritt tar-reġistru, billi dik l-eċċezzjoni tiġi milqugħa minn din il-Qorti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur, u l-kawża tiġi mibgħuta mill-ġdid lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni kemm il-darba dina l-Qorti ma tiċħadx it-talbiet bħala konsegwenza tal-preskrizzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti qablet li l-preskrizzjoni ta' 18-il xahar (prevista mill-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili) hija dik applikabili għall-attur appellat bħala ħaddied, tant għal dak li jirrigwarda x-xogħol tiegħu kemm ukoll għal dak li jirrigwarda l-materjal minnu fornit, apparti l-kwistjoni huwiex applikabili l-art. ta' wara f'każ normali. Iżda dik il-Qorti dehrilha illi f'dan il-każ hemm ċirkustanzi li jbiddlu l-pożizzjoni ġuridika tal-kontendenti, fis-sens illi bl-aġir tagħhom ħolqu rapporti differenti minn dawk ta' kreditur u debitur;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża żvolġew ruħhom kif sejjer jingħad. Ix-xogħol ta' ħadid u l-materjal imsemmi fiċ-ċitazzjoni ġie fornit mill-appellat fis-sena 1940. Ta' dak ix-xogħol u ta' dak il-materjal l-istess appellat jippretendi li kien fadallu jieħu £402. 12. 6; iżda malli l-appellant irċieva dan il-

kont. huwa għamel lill-appellat ittra uffiċjali fl-20 ta' Diċembru 1940 (fol. 20) u biha nterpellah biex fi żmien erbat ijiem jeżamina l-kont eżibit ma' dik l-ittra, mnejn jidher illi l-bilanċ minnu dovut kien ta' £218. 14. 3, u mhux ta' £402. 12. 6. Fl-istess ħin offrielu l-ħlas ta' dik is-somma ta' £218. 14. 3, u f'każ ta' rifjut fi żmien erbat ijiem imminaċċjah li jiddepożita l-Qorti. Fit-23 ta' Diċembru 1940 (fol. 6) l-appellat irrisponda b'ittra uffiċjali oħra, li biha fisser lill-appellant illi l-kont li kien għamel ma kienx korrett, u interpellah għall-ħlas tal-bilanċ skond il-kont tiegħu (ta' l-appellat). Fit-28 ta' Diċembru 1940 l-appellant għamel id-depożitu tas-somma ta' £218. 14. 3 favur l-appellat, bħala ħlas a saldu ta' kull ma kellu jagħtih. Wara dan kollu, meta l-Qorti kienet għadha s-Seminarju l-Furjana (jiġifieri qabel April tas-sena 1942) il-kontendenti kienu ltaqgħu biex jirranġaw, iżda ma sar xejn, u minn dak in-nhar ma ltaqgħux iżjed. Imbagħad saret din iċ-ċitazzjoni, li ġiet preżentata fil-11 ta' Diċembru 1945;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 1915 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, il-lum art. 2256 tal-Kodiċi Ċivili, meta l-kreditu għax-xogħol, somministrazzjonijiet u prestazzjonijiet kontemplati fl-artikoli ta' qabel jirriżulta minn dikjarazzjoni miktuba mid-debitur, l-azzjoni ma tkunx preskrivibili ħlief fiż-żmien ta' ħames snin. F'dan il-każ, wara li l-attur bagħat il-kont lill-konvenut, dan għamillu ittra uffiċjali u ndikalu l-kont kif għandu jiġi korrett. Għall-fini ta' dik id-dispożizzjoni din l-ittra uffiċjali għandha tiġi kunsidrata bħala dikjarazzjoni miktuba mid-debitur, u allura minn dak in-nhar il-preskrizzjoni ma baqgħetx dik ta' 18-il xahar, jew ta' sentejn, iżda saret ta' ħames snin. U ma jistax jingħad li saret ta' ħames snin limitatament għall-kreditu ammess mill-istess attur, imma saret ta' ħames snin għall-obligazzjoni kollha. Infatti (1) l-obligazzjoni bejn il-partijiet hija waħda, prestazzjoni ta' xogħol illi l-appellat għamel lill-appellant, u għalhekk mhux ġuridikament possibbli illi għal din l-obligazzjoni, unika fin-natura tagħha bejn il-partijiet, ikun hemm żewġ preskrizzjonijiet differenti, waħda ta' ħames snin għal ċertu ammont u l-oħra ta' żmien iżjed żgħir; (2) la

darba d-debitur għamel dik id-dikjarazzjoni per mezz ta' l-ittra ufficjali u ġieb kont, ma hemm ebda dubju li fuq dik id-dikjarazzjoni l-preskrizzjoni hija ta' ħames snin; iżda huwa ammetta d-debitu tiegħu għall-obligazzjoni li saret bejn il-partijiet u l-kwistjoni baqgħet fuq il-"quantum"; u allura la darba dik il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin għal dak il-kont, ikun inġust illi l-kreditur ma jistax jimpunja dak il-kont u juri l-ineżattezza tiegħu għaliex id-debitur jiġi bi preskrizzjoni oħra diversa minn dik li toħroġ mid-dikjarazzjoni tiegħu;

Illi ż-żmien ta' ħames snin għadu ma għaddiex;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru kontra l-appellant.